32002D0130

19.2.2002 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 47/22

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-17 ta' Diċembru 2001

## dwar il-konklużjoni tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' l-Ittri dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jfassal l-opportunijiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarju stabbilit fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomka Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde dwar is-sajd 'il barra mill-kosta tal-Kap Verde għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2001 u t-30 ta' Ġunju 2004

(2002/130/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 300(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

(1) Il-Komunità u r-Repubblika tal-Kap Verde mexxew negozjati sabiex jistabbilixxu l-emendi jew iż-żidiet li għandhom isiru fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde dwar is-sajd 'il barra mill-kosta tal-Kap Verde ([1]).

(2) Bħala riżultat ta' dawn in-negozjati, Protokoll ġdid li jfassal l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja provduti fil-Ftehim beda jgħodd fis-7 ta' Ġunju 2001.

(3) Taħt dan il-Protokoll, is-sajjieda komunitarji jgawdu mill-opportunitajiet tas-sajd fl-ibħra li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tar-Repubblika tal-Kap Verde għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2001 sat-30 ta' Ġunju 2004.

(4) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni ta' l-attivitajiet tas-sajd mid-dgħajjes tal-Komunità, huwa essenzjali li l-imsemmi Protokoll jiġi approvat fl-iktar fis possibbli. Għal din ir-raġuni, iż-żewġ partijiet bdew Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri li jipprovdi għall-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li beda jaħdem mill-1 ta' Lulju 2001.

(5) Dak il-Ftehim għandu jiġi approvat, sakemm tittieħed deċiżjoni finali fuq il-bażi ta' l-Artikolu 37 tat-Trattat.

(6) Il-metodu ta' l-allokazzjoni ta' l-opportunitajiet tas-sajd bejn l-Istati Memberi għandu jiġi stabbilit,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' l-Ittri dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Protokoll li jfassal l-opportunijiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja stabbiliti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomka Ewropea u r-Repubblika tal-Kap Verde dwar is-sajd 'il barra mill-kosta tal-Kap Verde għall-perjodu bejn l-1 ta' Lulju 2001 u t-30 ta' Ġunju 2004, huwa hawnhekk approvat fl-isem tal-Komunitá.

It-testi tal-Ftehim fil-forma ta' l-Iskambju ta' l-Ittri u tal-Protokoll huma annessi ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 212, tad-9.8.1990, pġ. 3.

*Artikolu 2*

L-opportunitajiet tas-sajd imfassla fil-Protokoll huma allokati bejn l-Istati Membri kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| — bastiment li jistadu bit-tartarun għat-tonn: | Franza: | 19-il bastiment |
| | Spanja: | 18-il bastiment |
| — Bastimenti bil-*pole* u bil-lenza għat-tonn: | Franza: | 6 bastimenti |
| | Spanja: | 0 bastimenti |
| | Portugall: | 2 bastimenti |
| — bastimenti tas-sajd bil-konz ta-wiċċ (*'surface longliners'*): | Spanja: | 52 bastiment |
| | Portugall: | 0 bastimenti |
| — bastimenti li jistadu bil-konz tal-qiegħ (*'bottom longliners'*): | Portugall: | 630 GRT kull xagħar, bil-medja kalkulat fuq is-sena, b'mhux iżjed minn erba' bastimenti li jistadu flimkien |

Jekk l-applikazzjonijiet għall-liċenzji minn dawn l-Istati Membri ma jkoprux l-opportunitajiet kollha stabbiliti fil-Protokoll, il-Kummissjoni tista' tilqa' applikazzjonijiet għall-liċenzji minn kull Stat Membru ieħor.

*Artikolu 3*

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuni bil-poter li jiffirmaw il-Ftehim fil-forma ta' l-Iskambju ta' l-Ittri sabiex jorbot lill-Komunitá.

Magħmula fi Brussel, fis-17 ta' Diċembru 2001.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. NEYTS-UYTTEBROECK